## PROPONIMENTI

**San Ġorġ Preca kien ta' spiss iħeġġeġ li, bil-għajnuna ta' Alla, wieħed ta' min jagħmel u jipprova josserva dawn il-proponimenti:**

1. **Ma ngerger qatt għall-ebda kuntrarju.**
2. **Ngħożż u nipprattika s-silenzju li fih kull ġid.**
3. **Nieħu dejjem paċenzja b'kulħadd u b'kollox.**
4. **Nagħmel penitenza bil-paċenzja u bl-opri tal-ħniena.**
5. **Malli nintebaħ li azzjoni hija ħażina, ma nkunx irridha.**
6. **Ma npatti qatt deni b'deni.**
7. **Ma nagħmel qatt lill-proxxmu dak li ma rridx lili nnifsi.**
8. **Nopra kollox biex nogħġob lil Alla.**
9. **Ma nkunx kurjuż u lanqas lablabi.**
10. **Nieħu dejjem parir qabel ma nagħmel xi pass serju.**
11. **Ma rrid xejn u ma nixtieq xejn minn kulma tapprezza d-dinja.**
12. **Inħejji ruħi għall-mewta tajba bil-qrar u t-tqarbin.**



**PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI**

# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

**Tel: 21 649 223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

# IL-PRUDENZA

### Il-Virtujiet kardinali

Waħda mill-virtujiet tal-ħajja tagħna bħala nsara għandha tkun il-prudenza, l-għaqal. Flimkien mat-3 virtujiet l-oħra - il-qawwa, il-ġustizzja u r-rażan - il-prudenza tissejjaħ virtù kardinali għax bħalma jiġri bieb jistrieħ u jdur fuq ċappetta, fuq dawn l-4 virtujiet jistrieħu l-virtujiet l-oħra kollha. Imma nistħajjilkom tgħidu: 'X'inhi virtù? Għadu żmienha?' Fil-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* n.1804 nsibu li *'l-virtujiet tal-bniedem huma attitudnijiet sodi, dispożizzjonijiet stabbli, u abitwali tal-intelliġenza u r-rieda li jaslu jirregolaw l-għemil kollha tagħna, iżommu l-ordni fil-passjonijiet tagħna u jmexxu l-imġieba tagħna skont ir-raġuni u l-fidi. ... Il-bniedem imżejjen bil-virtù hu dak li bil-fatti jagħmel kulma hu tajjeb b'mod ħieles, bla xkiel.'* Il-virtù mela hija mġieba li persuna tadotta f'ħajjitha u li tmexxih kemm fit-twemmin tiegħu, kif ukoll fil-mod ta' kif jgħix. Il-virtù tgħin biex wieħed ipoġġi fil-prattika dak li jemmen fih. Qed tiġini f'moħħi b'mod partikolari Anna Salzano, omm il-beatu żagħżugħ Carlo Acutis, li f'ħafna mill-intervisti tagħha tisħaq li persuna ma tiġix rikonoxxuta uffiċjalment bħala qaddisa mill-Knisja minħabba l-mirakli li tagħmel biss imma fuq kemm tkun għexet il-virtujiet f'ħajjitha.

### Allura x'inhi l-Virtù tal-Prudenza?

Il-bniedem għaqli huwa prudenti f'dak li jara, f'dak li jisma' u f'dak li jgħid. Huwa jqis il-konsegwenzi, jaħseb fl-għada u jekk ma jkunx jaf x'għandu jagħmel, jistaqsi. Hija virtù li tgħinna nagħrfu dak li għandna nagħmlu, meta u kif irridu nagħmluh. Il-prudenza fil-ħajja ta' kuljum nistgħu ngħixuha f'diversi ċirkustanzi. Li tkun prudenti jista' jfisser:

- li jekk tnejn min-nies ikunu qed jitkellmu u inti jkollok bżonn tkellem lil xi ħadd minnhom, inti toqgħod kemmxejn 'il bogħod ħalli tħallilhom il-privatezza tagħhom;



- li qabel tidħol f'uffiċċju, tħabbat u tistenna ftit. Forsi min qiegħed ġewwa għandu xi ħaġa quddiemu li ma jridx li jaraha ħaddieħor;
- li ma tostakolax bankina jew passaġġ b'rampa għax persuna bi bżonnijiet speċjali jew xi ħadd b'pushchair għandu dritt jinqeda;
- li ma tipparkjax quddiem garaxx, lanqas għal ħames minuti, mingħajr ma tħalli nota ta' fejn jista' jsibek jew iċempillek għax ma tafx bniedem x'jista' jinqalgħalu.

Nistgħu nġibu ħafna eżempji prattiċi oħra. Biss li tajjeb nagħrfu huwa li l-prudenza mhix mistħija, biża', nuqqas ta' inizjattiva, xeħħa jew fissazzjoni żejda. Anzi xi drabi, il-vera prudenza twassalna biex niddefendu viżjoni li ma tantx hi popolari imma li hi moralment tajba bħal meta nkunu niddiskutu l-abort jew temi morali oħra. Xi drabi, il-prudenza jaf timbuttana wkoll biex nieħdu inizjattiva kemmxejn riskjuża u li jaf ma tinftiehemx minn dawk ta' madwarna.

## X'titlob minna?

Il-prudenza titlob żewġ affarijiet: l-ewwelnett li nkunu nafu tajjeb il-prinċipji li nemmnu fihom skont it-twemmin tagħna u t-tieni, li nagħrfu sewwa kif inpoġġuhom fil-prattika. Hija bħal meta xi ħadd ikun se jsiefer: l-ewwel jagħżel fejn irid imur imbagħad jibda jaħseb fuq l-aħjar mod li bih jista' jasal fejn jixtieq. Dan jgħodd ukoll għal meta nkunu qed nagħmlu l-bagalja: aħna nagħmlu l-bagalja skont fejn inkunu sejrin. Inutli nimlew bagalja bi ħwejjeġ tax-xitwa jekk inkunu sejrin f'post fejn il-klima hija sħuna! Dik hi l-prudenza: li f'kull deċiżjoni li nieħdu, inżommu f'moħħna l-għan aħħari tagħna u li qabel naġixxu, nistaqsu: *'Din se tmexxini lejh jew se tbegħidni minnu?'* Permezz tal-prudenza, aħna nkunu kapaċi nagħżlu l-aħjar mezz li jwassalna lejn il-ferħ u lejn il-milja tal-ħajja tiegħi f'Alla.

### It-3 Passi tal-Prudenza

Biex nasal nieħu deċiżjoni b'mod prudenti u għaqli, tajjeb li nsegwi 3 passi:

1. Nieħu l-ħin biex nagħrbel sitwazzjoni. Jekk ninsab f'sitwazzjoni delikata, bħal per eżempju jekk nistax nibqa' nieħu ħsieb persuna anzjana li tiddependi għal kollox minni jew le, tajjeb ukoll nieħu parir mingħand xi ħadd serju u ta' esperjenza li jkun qed jara s-sitwazzjoni minn barra. Qatt mhu tajjeb li nagħmel l-ewwel ħaġa li tiġini f'moħħi jew li ngħid: 'Għax hekk inħoss!'
2. Nieħu deċiżjoni. Ma nistax nibqa' nġebbed u ndur mal-lewża. Xi ħin irrid naqtgħha.
3. Inwettaq dak li nkun iddeċidejt dwaru. Inutli nieħu deċizjoni u nibqa' ma nagħmel xejn dwarha. Ma nkun wasalt imkien!

Jalla naslu biex inwettqu f'ħajjitna kliem San Pawl: *'Qisu sewwa kif iġġibu ruħkom, mhux bħal nies bla dehen, iżda bħal nies għorrief'* (Ef 5, 15) sabiex nersqu dejjem eqreb tal-għan aħħari tagħna.






# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Jannar 2021

Il-Ġimgħa 1 ta' Jannar
**Bidu ta' Sena Ġdida**
**- Solennità ta' Marija Omm Alla**
Il-Quddies: AM - Fis-6:45am; fid-9:00am; u fl-10:30am;
PM - Fil-5:30pm.

Il-Ħadd 3 ta' Jannar
**Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**
Fid-9:00am - Quddiesa bil-miġja tas-Slaten Maġi
Fil-5:00pm - Adorazzjoni
Fil-5:30pm - Quddiesa

Il-Ħadd 10 ta' Jannar
**Festa tal-Magħmudija tal-Mulej**
Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

It-Tnejn 18 ta' Jannar
Tibda ġimgħa ta' talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara.

Il-Ħadd 24 ta' Jannar
Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

It-Tnejn 25 ta' Jannar
**Solennità tal-Konverżjoni ta' San Pawl Appostlu**
Fil-5:30pm - Rużarju;
Fis-6:00pm - It-Talb ta' Filgħaxija - L-Għasar - li fi tmiemu tingħata l-Barka Sagramentali;
Fis-6:30pm - Quddiesa solenni mmexxija minn Dun Tony Pace, li fl-aħħar tagħha tindaqq l-Antifona.



- *F'din iċ-ċelebrazzjoni, il-Kor 'Sine Macula' jkun taħt id-direzzjoni ta' Mro Alexandra Borg B.Educ, A.Mus L.C.M.*

Il-Ħamis 28 ta' Jannar
Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Zack Tonna
Eliza Schembri
Matteo Azzopardi

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***
Joseph Martinelli
Paul Zammit

***Nitolbu għalihom!***

